**Pulizija 1987 - Pulizija 2007**

**Tonio Borg – Vici Prim Ministru**

1. Is-suċċess tal-Korp tal-Pulizija f'dawn l-aħħar ġimgħat, it-tnaqqis kontinwu fir-rata tal-kriminalita', ir-reklutaġġ kontinwu ta' membri ġodda fil-Korp tal-Pulizija, ma waqgħux mis-sema. Ġraw għaliex kien hemm u għad għandna tmexxija soda fil-Korp tal-Pulizija u Gvern li bil-fatti għen b'investiment kontinwu lill-Korp biex iwettaq id-dmirijet tiegħu.

2. Il-Korp tal-Pulizija ma jingħarafx mill-lejl għan-nhar mill-1987 lil hawn. Jiena niftakar li malli sirt ministru ridt li noħloq mekkaniżmu sabiex il-Korp tal-Pulizija jimxi dejjem f'parametri biex jiġi evitat kull abbuż. Dan m'għamiltux fil-Korp tal-Pulizija biss. Per eżempju meta kont Ministru responsabli mill-MEPA, jiena u George Pullicino waqqafna il-kariga ta' Audit Officer, speċi ta' Ombudsman fl-ippjanar li seta' jinvestiga kull ilment taċ-ċittadin, kemm jekk hu kontra Ministru, kemm jekk kontra l-iżgħar impjegat tal-MEPA. B'hekk tajna rimedju lil kull min kien iħoss, tajjeb jew ħażin, li sar xi abbuż minn xi ħadd, mill-kbir saż-żgħir.

Fl-1996 il-Ministeru ta' l-Intern ippubblika Kodiċi ta' Prattika għall-Interrogatorji mill-Pulizija (li llum sar parti mil-liġi); twaqqaf Bord għall-ilmenti presjedut minn Imħallef għal kull min jidhirlu li l-Pulizija ma mxietx sew miegħu, u fuq kollox fl-2002, għall-ewwel darba fl-istorja Maltija, biex isir arrest jew tfittxija mill-Pulizija hemm bżonn mandat ("warrant") maħruġ minn maġistrat ħaġa li għal snin twal il-Pulizija ma kellhiex bżonn.

Huwa veru wkoll li il-Gvern saħħaħ idejn il-pulizija fil-ġlieda kontra il-kriminalita'. Tajna appell lill-Avukat Ġenerali kontra sentenzi "ħfief" kontra il-kriminal, għamilniha iktar faċli sabiex kriminal jikxef ieħor, u lil dawk li jikkomettu reati serji, għamilnihilhom iktar diffiċli li jieħdu l-"pleġġ" !

Dawn ir-riformi flimkien mal-mekkanizmu ta' kontroll li ġew introdotti, isaħħu il-Korp tal-Pulizija mingħajr ma inħoloq stat polizjesk jew tnaqqsu d-drittijiet ta' l-individwu għax il-Pulizija għandha bżonn għodda tajba fil-ġlieda kontra il-kriminalita' iżda trid tagħmel dan bl-ingwanti tal-liġi. Dawn il-miżuri inkluż il-bini ta' kumpless ġdid u x-xiri ta' apparat modern – imoderinizzaw il-Korp u ippreparaħ għall-isfidi tal-lum.

Il-Korp tal-Pulizija ħareġ mill-abbiss mudlam ta' 20 sena ilu. Fuq kollox ma jużax il-poteri tiegħu għal skop politiku. Dana ma jfissirx illi ma jimxix fuq rapporti li jsiru lilu minn politiċi taż-żewġ naħat li jiġu investigati. Telefonati anonimi, ittri anonimi, theddid bil-fomm. Naturalment skond il-liġi, huwa il-vittma, f'ċerti każijiet bħal "e-mails" jew ittri anonimi, **illi jiddeċiedi jekk jawtorizzax il-Pulizija tmexxi jew le** u dana għaliex mhux l-ewwel darba li wara l-investigazzjoni jirriżulta illi l-awtur ta' l-ittra ikun xi ħabib jew xi ħadd viċin il-vittma, u allura il-liġi tagħti d-dritt lill-vittma li l-proċeduri jibdew biss **jekk jiġu awtorrizati minnu**. **Dana mhux servilizmu lejn politiċi iżda obbligu li joħroġ mil-liġi.**

Jagħmel żball min għax ma jkunx jaf l-affarijiet sew, jew għax ma jivverifikahomx minn qabel, jasal għal konklużjonijiet mgħaġġla u skorretti.

Il-liberta' irbaħniha biex ma nitilfuha qatt. Iżda il-Pulizija għandha dritt li tinvestiga – u jekk hemm bżonn tarresta – fuq **suspett raġjonevoli** li persuna ikkommettiet reat. Naturalment, jista' jirriżulta wara li s-suspett kien suspett biss u xejn aktar. Iżda li kieku l-Pulizija kellha tarresta biss lil min għandha provi konklużivi kontrih, tista' tmur iżżarma.

Il-Pulizija li għandna llum hija il-Pulizija tal-liberta' f'soċjeta' demokratika. U sakemm hemm dan il-Gvern hekk se tibqa'.

**Tonio Borg** **28 ta' Mejju 2007**